MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2005

Citazzjoni Numru. 75/2001/1

Road Construction Limited .

vs

Vincent Ciliberti kemm f'ismu proprju kif ukoll bħala Ekonomu ta' Monsinjur Arċisqof Giuseppi Mercieca fil-kwalita' tiegħu ta' amministratur tal-Beni ta' L-Entijiet Ekklesjastici ta' Malta għan-nom tal-Guspatronat Lajkali San Antonio Abbate delli Navarre .

Il-Qorti ,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha s-soċjeta' attriċi, wara li ppremettiet :

Is-soċjeta' attriċi hija l-propjetarja ta' diversi porzjonijiet mill-art magħrufa bħala "Ta Għajn Kelment" fil-limiti ta' Qala, Għawdex, akkwistati minnha versu l-ħlas ta' eluf

kbar ta' liri . Dawn il-kuntratti kollha saru wara riċerki akkurati sabiex ġie stabbilit it-titolu tal-vendituri .

Illi dwar din l-art din is-soċjeta' għandha permess validu sabiex topera barriera tal-ġebel tal-qawwi maħruġ lilha mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar fit-tnax (12) ta' Novembru ta' l-elf disa' mija u tmienja u disgħin (1998) .

Illi appena din l-art ġiet akkwistata mis-soċjeta' attriċi, l-konvenut nomine ħoloq pretensjonijiet u beda jsostni li din l-art tifforma parti mit-territorju magħruf bħala "Ta' Wardati" appartenenti lill-Abbazija fuq imsemmija u għalhekk ipproċeda kontra l-attriċi b'ċitazzjoni sabiex l-Abbazija tiġi mantjenuta fil-pussess li tallega li għandha ta' din l-art .

Illi fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' Novembru ta' l-elf disa' mija u tmienja u disgħin (1998) il-konvenut nomine pproċeda kontra s-soċjeta' attriċi b'mandat ta' inibizzjoni b'talba li tinżamm provviżorjament milli tipproċedi b'xi xogħol ta' qtugħ ta' blat fl-art imsemmija liema ordni provviżorja ingħatat . Dan il-mandat pero' ġie irtirat fit-tnejn (2) t'Awissu ta' l-elf disa' mija u disgħa u disgħin (1999) .

Illi l-konvenut nomine għamel ukoll diversi kawzjonijiet mar-Reġistratur ta' l-Artijiet fuq l-art ta' l-attriċi dwar liema kawżjonijiet huwa għadu jinsisti .

Ukoll li ripetutament il-konvenut għamlu rappreżentazzjonijiet ma' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar sabiex joġġezzjonaw dwar il-ħruġ ta' permessi ta' l-iżvilupp fuq l-art tas-soċjeta' attriċi .

Illi dawn il-proċeduri saru b'kapriċċ mhux għaliex verament kien hemm xi ġustifikazzjoni għalihom u fuq kollox mhux għaliex huwa minnu li l-konvenuti għandhom xi jedd għal din l-art .

Ukoll li l-konvenut Ciliberti personalment ħa interess partikolari f'dawn il-proċeduri u b'abbuż tal-funzjoni tiegħu ssokta bl-istess proċeduri minkejja li jaf jew suppost jaf tajjeb li dawn ma kienux ġustifikati .

Illi fil-fatt konsegwenza ta' dawn il-proċeduri s-soċjeta' attriċi sofriet ammont sostanzjali ta' danni li għalihom huma responsabbli l-konvenuti .

Illi l-konvenuti interpellati diversi drabi sabiex jersqu għall-likwidazzjoni u ħlas ta' dawn id-danni baqgħu inadempjenti .

Talbet lill-konvenut proprio et nomine jgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti :

1. Tiddikjara li l-konvenuti aġixxew abbużivament u l-imsemmija proċeduri saru kapriċċjożament u li konsegwentement l-konvenuti huma responsabbli lejn is-soċjeta' attriċi għar-riżarċiment tad-danni minnha sofferti.

2. Tillikwida dawn id-danni ;

3. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex iħallsu l-ammont hekk likwidat .

Bl-ispejjeż inklużi żewġ Protesti Legali ppreżentati fl-ismijiet "Road Construction Limited vs Joseph Aquilina nomine" u "Road Construction Limited -vs- Vincent Ciliberti pro et noe" .

Il-konvenut nomine mħarrek għas-subizzjoni li għaliha minn isss qed jiġi nġunt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tas-soċjeta' attriċi ikkonfermata bil-ġurament ta' Victor Hili .

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut proprio et nomine li eċċepixxa :

1. Illi, bir-rispett kollu, din il-Qorti hija inkompetenti tieħu konjizzjoni tal-mertu tal-kawża stante illi ż-żewġ konvenuti t-tnejn jgħixu permanentement f'Malta u għalhekk, il-foro li għandu ġurisdizzjoni f'kawżi

simili huwa dak ta' Malta – ara f'dan ir-rigward l-artikli 50 u 767 et seq. tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta .

2. Illi sussidjarjament u bla preġudizzju għal premess, l-azzjoni attriċi hija intempestiva stante li l-mertu tagħha jifforma parti mill-atti ta' transazzjoni raġġunta bejn il-partijiet fit-2 ta' Awissu 1999 . Tali dritt ta' azzjoni, se mai, jista' biss jiġi avvanzat kontra l-konvenut nomine biss f'każ ta' eżitu pożittiv għas-soċjeta' attriċi fil-proċeduri legali li għalihom hemm riferenza fl-atti ta' transazzjoni fuq riferita u ċioe' il-kawża fl-ismijiet "Joseph Aquilina noe -vs- Road Construction Ltd." (Citazz. Nru . 164/98 PC) li għadha għaddejja .

3. Illi fil-mertu, it-talba attriċi għal riżarċiment tad-danni hija nfundata fid-dritt u fil-fatt u għalhekk, għandha tiġi respinta bl-ispejjeż .

4. Illi mhux minnu illi l-konvenut nomine aġoxxa kapriċċjożament fil-konfront tas-soċjeta' attriċi u dejjem aġixxa fil-parametri mogħtija lilu mil-liġijiet sabiex jittutela l-interessi leġittimi tiegħu .

5. Illi bla preġudizzju għal presuppost, fl-eventwalita' illi l-konvenut nomine jinstab responsabbli għar-riżarċiment ta' danni lis-soċjeta' attriċi, il-likwidazzjoni ta' tali riżarċiment għandha tieħu in konsiderazzjoni n-nuqqas ta' oppożizzjoni da parti tal-konvenut nomine pendenti l-eżitu tal-kawża petitorja msemmija għall-użu mis-soċjeta' attriċi ta' passaġġ fuq proprjeta' tal-konvenut nomine, liema passaġġ huwa l-uniku aċċess għal art mixtrija mill-istess soċjeta' attriċi . Dan skond il-ftehim imsemmi .

6. Salvi eċċezzjonijiet oħra .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-istess konvenut nomine ikkonfermata bil-ġurament ta’ Vincent Ciliberti .

Rat il-verbal tagħha tat-18 ta’ Frar 2005 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza fuq l-ewwel eċċezzjoni preliminari dwar il-‘*privilegium fori’ .*

Rat in-noti ta' l-osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti .

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din l-eċċezzjoni preliminari tiegħu, l-konvenut proprio et nomine qed jinvoka l-'***privilegium fori***' u ċioe' d-dritt jew aħjar benefiċċju li jiġi mħarrek f'Qorti partikolari . In sostenn ta' din l-eċċezzjoni tiegħu jagħmel referenza għall-artikoli 50 u 767 tal-Kap. 12 . L-artikolu 50 jagħti ġurisidzzjoni lill-Qorti tal-Maġistrati ta' din il-gżira fuq persuni residenti hawnhekk . L-artikolu 767 imbagħad jagħti l-benefiċċju lil persuni li jkunu joqgħodu fil-gżira ta' Malta li jiġu mħarrka f'dik il-gżira, u lil dawk li joqgħodu f'Għawdex rigward il-Qorti ta' din il-gżira .

Fil-każ in eżami mhux kontestat illi l-konvenut proprio, Vincent Ciliberti, jirrisjedi fil-gżira ta' Malta . Hekk ukoll l-entitajiet ekkleżjastiċi li jirrapreżenta għandhom is-sede tagħhom f'dik il-gżira u għalhekk 'prima facie' jidher illi l-konvenut proprio et nomine għandu raġun iqajjem din l-eċċezzjoni ġialardarba ġie imħarrek fil-Qorti ta' din il-gżira u mhux f'dik ta' fejn titqies li hija r-residenza tiegħu .

Imma l-Qorti ma tistgħax tieqaf hawn . Importanti ferm għas-soluzjoni ta' din il-kwistjoni huwa l-artikolu 770 tal-Kap. 12 fejn tingħata waħda mill-eċċezzjonijiet għal din ir-regola u rilevanti wkoll għall-każ in eżami, għax qiegħed jiġi nvokat mis-soċjeta' attriċi bħala r-raġuni għaliex hija kompetenti din il-Qorti . Infatti dan l-istess artikolu jgħid illi : "**l-'privilegium fori' jispiċċa wkoll, fil-każ li l-kawża tkun dwar obbligazzjoni li, skond il-ftehim, kellha tiġi esegwita fi gżira partikolari**."

Il-Qrati tagħna kellhom diversi okkażjonijiet jesprimu ruħhom dwar din l-eċċezzjoni tal-'privilegium fori', u din il-Qorti tiffaċċja tali eċċezzjoni prattikament kull darba li xi ħadd residenti Malta jiġi mħarrek quddiemha . Dejjem pero' ġie ritenut illi, kif tistipula l-liġi stess, dan il-benefiċċju tal-konvenut jispiċċa kemm-il darba jiġi pruvat illi l-

kontestazzjoni tirrigwarda obbligazzjoni li kellha titwettaq fi gżira partikulari, fil-każ tagħna f'Għawdex (ara f'dan ir-rigward : Appell Civili : Alfred Cremona et. vs. Vanda armla Bradshaw : 20.5.94 ; Appell Kummercjali : Vivian Gatt noe. vs. Carmelo Grima : 12.2.92 ; u cit. 6/1996 : "Cornucopia Hotel Limited vs. Fisher Reisen Limited" moghtija fit-22 ta' April 1997 u kkonfermata fl-Appell) .
Il-konvenut proprio et nomine jikkontendi pero' illi din l-eċċezzjoni ma tistax tkun applikabbli għall-każ in eżami, għax hawn m'għandniex obbligazzjoni naxxenti minn xi kuntratt bejn il-kontendenti li skond il-ftehim espress jew taċitu kellu jiġi esegwit fi gżira partikolari, imma "*kawża għall-likwidazzjoni ta' danni minħabba aġir allegatament abbużiv u kapriċċjuż da parti tal-konvenut proprio et nomine*." Huwa minnu illi mill-premessi u talbiet f'din iċ-ċitazzjoni, jirriżulta illi din il-kawża mhix waħda ibbażata fuq obbligazzjonijiet *ex contractu* imma fuq obbligazzjonijiet delittwali . Il-konvenut proprio et nomine mhux qed jintalab iwettaq xi obbligazzjonijiet li bilfors iridu jitwettqu fil-gżira ta' Għawdex . It-talbiet huma għall-ħlas tad-danni biss, u jekk jintlaqgħu t-talbiet relattivi, huwa mmaterjali fejn isir il-ħlas tagħhom . Bħala kawża għad-danni, din hija kawża personali u għalhekk il-prinċipju sanċit mil-liġi illi *actor sequtur forum rei* ma jistax jiġi injorat sempliċement għaliex il-proprjeta' illi dwarha qamu l-kwistjonijiet bejn il-kontendenti inċidentalment tinsab f'Għawdex . Fil-fehma tagħha d-deċizjoni ta' din il-Qorti (diversament ippreseduta) dwar eċċezzjoni simili fil-kawża "Lec Limited vs Tabbington Limited" mogħtija fid-9 ta' Novembru 2004, u ċċitata mis-soċjeta' attriċi fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tagħha, mhix applikabbli għall-każ in eżami . Dan għaliex, għalkemm f'dik il-kawża, it-talba kienet ukoll għad-danni, dawn kienu konsegwenzjali għal kuntratt fejn proprjerta' f'Għawdex ġiet ittrasferita minn parti fil-kawża għall-oħra, u għalhekk kien hemm relazzjoni kuntrattwali bejn il-kontendenti, kuntrarjament għall-kawża odjerna fejn din ir-relazzjoni ma teżistix .

Għaldaqstant f'tali iċ-ċirkostanzi ma jistax jingħad illi ġie res applikabbli l-artikolu 770 tal-Kap. 12 dwar kif jispiċċa l-'*privilegium fori'* tal-konvenut .

Għal dawn il-motivi tiddeċidi dwar din l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenut proprio et nomine, billi tilqa' l-istess eċċezzjoni, tiddikjara ruħha nkompetenti u tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-kawża .

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------